

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-5 ta' Lulju 2017 – EEB vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-448/15) ⁽¹⁾

[“Rikors għal annullament u għad-danni — Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti li jikkonċernaw l-irtirar tal-proposta għad-Direttiva COM(2014) 397 finali tal-Parlament u tal-Kunsill — Rifjut parzjali għal aċċess — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni parzjali — Inammissibbiltà manifesta parzjali”]

(2017/C 283/75)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: European Environmental Bureau (EEB) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: B. Kloostera, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Pignataro-Nolin, E. Sanfrutos Cano u A. Buchet, aġenti)

Intervenjenti in sostenn tal-konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: A. Tamás u I. McDowell, aġenti) u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen, E. Rebasti u M. Moore, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, prinċipalment, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2015 u, sussidjarjament, għall-annullament ta' deċiżjoni impliċita ta' ċaħda u, min-naħħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-danmu li r-rikorrent allegatament ġarraf wara dan l-att.

Dispożittiv

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal annullament.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbat i-l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnati mill-European Environmental Bureau (EEB).
- 4) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 328, 5.10.2015.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-5 ta' Lulju 2017 – EEB vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-38/16) ⁽¹⁾

[“Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti li jikkonċernaw l-irtirar tal-proposta għad-Direttiva COM(2014) 397 finali tal-Parlament u tal-Kunsill — Rifjut parzjal għal-aċċess — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”]

(2017/C 283/76)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: European Environmental Bureau (EEB) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: B. Kloostera, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Buchet, F. Clotuche-Duvieusart u E. Sanfrutos Cano, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ares(2015) 5212500, tad-19 ta' Novembru 2015.